## *Il-Banda San Ġorġ tfakkar lil wieħed mis-Surmastrijiet tagħha*

# Mro. Carlo Diacono (1876 – 1942)

## *75 sena mill-mewt tiegħu*

**Kitba ta' Mario Attard**



Fl-1 ta' April 1876 ġewwa ż-Żejtun lil Orazio u Francesca Saveria (xebba Darmanin) tweldilhom iben. L-għada tgħammed bl-ismjiet Carlo, Ġwann Battista, Pietru Pawl, Mario, Antonio. Orazio u Salvatur. Carlo kien destinat li jirnexxi fil-qasam tal-mużika. Missieru Orazio, li kien mużiċist ta' ħila u pijunier mużikali fir-raħal Żejtuni, għaraf l-inklinazzjoni mużikali li kellu ibnu u ħa ħsieb li jgħinu jiżviluppa dak it-talent[1]. Carlo tgħallem idoqq il-kwartin kif ukoll l-orgni. Ta' min iżid hawnhekk illi meta kien għadu naqra ta' tifel, Carlo kien jgħaqqad orkestra żgħira ta' tfal ħbieb tiegħu biex jagħmlu festa lil San Ġużepp fil-knisja żgħira li kellu.



*Mro Carlo Diacono*

Meta kellu siittax-il sena beda jistudja taħt is-Surmast Bormliż, Paolino Vassallo. Dam għaxar snin (1892 – 1902) sħaħ jitħarreġ mas-surmast Bormliż, fosthom tgħallem l-orkestrazzjoni u l-pjanu. B'ħajr u b'ħeġġa għall-interess dejjem jikber li kellu Carlo Diacono għall-mużika, Paolino Vassallo kien irregalalu l-vjolin tiegħu. Bħas-surmast tiegħu imbagħad, huwa wkoll beda jgħallem il-mużika. Fil-fatt minn taħtu ħarġu surmastrijiet Maltin magħrufin fosthom Josie Maria Pulvirenti, Dominico Anastasi O.S.A., Giuseppe Cauana, Joseph Abela u Willie Attard. Mal-mużika għallem ukoll il-vuċi u l-pjanu.

Kienet proprjament studenta tal-pjanu milli kellu, Maria Stella Cannataci li kellha tkun il-mara ta' Carlo Diacono. Maria Stella tiġi z-zija tal-Isqof Emmanuel Gerada. Fil-fatt huma żżewġu fil-15 ta' Novembru

1908. Mit-tmien ulied li kellhom, baqgħu ħajjin tlieta: Frankie, Marija u Orazio[2].

Carlo Diacono, minkejja l-ħila muzikali tiegħu, għoġbu jidderieġi żewġ baned biss, mill-bqija kien interessat li jokkupa l-kariga ta' *Maestro di Cappella*. Intant, Diacono kienu Surmast mal-Banda Beland li kien waqqaf missieru Orazio, u mal-Banda San Ġorġ ta' Bormla fl-1913 [3].


L-Isqof Mons. Pietru Pace

Fil-festa ta' Santa Katarina tal-1894, Carlo kien idderieġa l-mużika kollha tat-Tridu u tat-Te Deum. Fl-1899 il-parroċċa taż-Żejtun ħatritu bħala l-organista tagħha. B'danakollu x-xewqa tiegħu kienet li jsib knisja li taħtru *Maestro di Cappella* tagħha, imma dik kienet biċċa għadma iebsa ħafna x'jissupera[4]. Ġara li f'dak iż-żmien f'jum il-padruna tal-mużiċisti, Santa Ċeċilja, il-Papa Piju X ħareġ numru ta' regoli dwar l-istili mużikali li għandhom jindaqqu fil-knejjes. Kien nhar il-Ħadd, 22 ta' Novembru 1903 li d-daqq orkestrali li jingħoġob mill-widna imma mhux mill-ġabra Nisranija ħa daqqa ta' ħarta kbira. Minn din id-deċiżjoni, gawdew Carlo Diacono u Paolino Vassallo li l-mużika tagħhom kienet fuq kollox waħda reliġjuża u mhux teatrali. It-tnejn li huma ħadu l-okkażjoni u mxew max-xewqa tal-Papa Piju X[5]. Id-diżgwid li kien inqala' ssolva biċ-ċirkulari li nħarġet fl-aħħar ta' Jannar 1907 meta l-Isqof Mons. Pietru Pace ordna li jkun aċċettat biss li tindaqq fil-knejjes mużika sagra u mhux profana. Bis-saħħa ta' hekk infetaħ il-bieb li Diacono tant kien ilu jistenna li jinfetaħlu. Fatt li seħħ fid-9 ta' Frar 1923 meta l-Isqof Mauro Caruana ħatar lil Carlo Diacono *Maestro di Cappella* kemm tal-Katidral tal-Imdina kif ukoll tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann bħala s-suċċessur ta' Mro. Paolino Vassallo li miet nhar it-Tlieta, 30 ta' Jannar 1923[6]. Hekk issa Carlo Diacono kien laħaq il-qofol tal-professjoni tiegħu.

Fl-istess sena li fiha nħatar doppjament *Maestro di Cappella*, fl-1923, Diacono kiteb il-famuża antifona tal-Kunċizzjoni magħrufa u maħbuba magħna l-Bormliżi, *Hodie Egressa Est*.

Mal-ħatra tiegħu ta' *Maestro di Cappella* ta' Kon-Katidral ta' San Ġwann, Carlo Diacono bil-familja tiegħu mar joqgħod il-Belt Valletta.

Riżultat tal-għarfien mużikali kbir li kellha, il-*Cappella* ta' Diacono bdiet tikkomponi mużika għal bosta knejjes fosthom il-parroċċa tal-

Kunċizzjoni ta' Bormla u l-knisja ta' Santa Tereża f'Bormla wkoll.

Wara l-mewt ta' martu Stella fil-25 ta' Ġunju 1934, Diacono kiteb *Messa in Requiem* mill-isbaħ b'dedika għaliha.

Minn fost il-mużika profana ta' Diacono, insemmu l-opra *L'Alpino*, li l-ħila mużikali tagħha servietu ta' palata biex sar *Maestro di Cappella* tal-Katidral u l-Kon-Katidral. Minn fost mużika profana oħra nsemmu *Ave della Sera*, *Della Terra e del Ciel* , *Canta Fanciullo*, *Grido del Cuore* u *Notte Lunare*.

Għamel ukoll kompożizzjonijiet orkestrali u xogħlijiet għall-pjanu.

Madanakollu, il-kompożizzjonijiet ewlenin li kkompona Carlo Diacono huma *Il Cantico di Frate Sole* (1927), *Laudate Pueri* (1937) u *Messa in Gloria in E Flat* (1938). Quddiesa popolari li kiteb hija *Messa in Mi b Maggiore a tre voci miste*, magħrufa wkoll bħala l-Quddiesa tat-Trombi inkella l-Kbira. Dawn kollha huma riżultat tal-influwenzi li Diacono ħa mill-istudji tiegħu għand Paolino Vassallo.

## Diacono u Ave Maris Stella

Diacono jibqa' marbut ma' Bormla kif dejjem kien mal-antifona tal-festa u mal-innu Marjan **Ave Maris Stella**. Din il-mużika tal-aħħar, b'mod partikulari, ikkomponiha għall-festa ta' Bormla. Bis-saħħa tal-Kapitlu Bormliż, li kellu kuntatti tajbin mal-belt ta' Milan, Carlo Diacono ippubblikaha f'Milan u b'ħajr iddedikaha lill-Kaptlu Bormliż.

Innu Marjan ieħor magħruf ħafna mal-Bormliżi huwa l-*Innu lill-Kunċizzjoni*. Dan ikkomponieh fl-1912.

Għall-okkażjoni tal-Kungress Ewkaristiku li kien sar f'Malta fl-1913, Carlo Diacono kien ikkompona l-oratorju *San Paolo Evangelizza I Maltese*, b'lirika tal-Bormliż il-Profs. Mons. Giovanni Formosa. Għalkemm sar bil-ħsieb li jittella' għall-okkażjoni fit-Teatru Rjal, baqa' ma sarx. Minflok, fiċ-ċelebrazzjonijiet tas-Sena Pawlina 2008-9, dan l-oratorju ttella' fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Mejju 2009.

Kif faqqgħet it-tieni gwerra dinjija Carlo Diacono u wliedu marru lura ż-Żejtun biex jiskansaw il-bombi tal-għadu.

L-aħħar sentejn ta' ħajtu għaddihom fi Triq il-Kbira, Ħal Lija. Hemm huwa miet mewta għal għarrieda wara problemi fil-qalb u l-qtugħ ta' nifs. Dakinhar kien it-Tnejn, 15 ta' Ġunju 1942, kwarta wara t-tmienja ta' filgħodu. Kellu 66 sena. Fuq xewqa li dejjem esprima, huwa ndifen

fil-knisja ta' San Girgor f'tarf iż-Żejtun[7].

Xahar wara mewtu, fil-parroċċa Santa Katerina taż-Żejtun saritlu quddiesa għal ruħu, b'ibnu Frankie jidderieġi l-quddiesa *De Requiem* li kien ikkompona Carlo Diacono stess.



*Iż-żagħżugħ Carlo ma' missieru Orazio*

## Okkażjonijiet ta' ġieħ b'risq Carlo Diacono

Mal-faċċata tad-dar fejn trabba' f'Misraħ San Girgor, iż-Żejtun, tqiegħed bust tiegħu tal-bronż. Għall-okkażjoni tal-140 anniversarju minn twelidu, fl-2016 l-għaqda Wirt iż-Żejtun ikkummissjonat ir-restawr tal-bust lil Jane Mary Vella. Dan huwa xogħol tal-artist Malti Ċensu Apap u kien inawgurat fid-19 ta' Novembru 1967. Dan ir-restawr inkluda l-konservazzjoni tal-lapida li hemm mal-bust. Reġa' nkixef nhar it-Tlieta. 6 ta' Ġunju 2016.



*Il-bust tal-bronż ta' Carlo Diacono*

Il-Ħadd, 6 ta' Novembru 2016, fil-Każin tal-Banda Beland ġewwa ż-Żejtun ittellgħet wirja li damet miftuħa sas-27 tal-istess xahar *ad unur* is-Surmast Carlo Diacono. Fl-okkażjoni tal-75 sena minn mewtu, fl-ewwel ta' Lulju ta' din is-sena, l-editur Ruben Abela ippubblika ktieb li fih jiġbor il-wirt mużikali ta' Carlo Diacono.

## Għeluq

Fiż-żjara tal-Kardinal Federico Tedeschini għall-okkażjoni tal-festi ċinkwantinarji tal-Inkurunazzjoni f'Bormla, kien idaqq l-*Inno alla Immacolata*. L-istess innu reġa' ndaqq 25 sena wara, fl-okkażjoni tal-75 anniversarju mill-istess inkurunazzjoni. Fil-Ġublew tal-Fidda tar-Re Ġorġ



*Impressjoni artistika ta' Mro. Carlo Diacono meħuda minn pittura miżmuma b'għożża fil-Każin tal-Banda Beland, fiż-Żejtun*

V fl-1935, kienu saru festi speċjali fil-Main Guard (illum Pjazza San Ġorġ) u Fuq Kastilja. Dakinhar Carlo Diacono kien idderieġa 35 banda f'daqqa.

Il-mużika tiegħu kellha għarfien internazzjonali. Indaqqet fi New York, fil-Kajr u waqt esebizzjoni f'Wembley, l-Ingilterra. Kummenti ta' nies awtoritarji fil-mużika internazzjonali ma naqsux. It-Taljan Mro. Licinio Refice iddeskriva lil Diacono bħala "***lussu għal Malta***". Il-kompożitur




*Talba lill-Beata Verġni Maria miktuba fl-1924*
*Meqjusa b'waħda mill-aħjar kompożizzjonijiet ta' Carlo Diacono.*




*Bolla tal-Milied minn sett sħiħ*
*tas-6 ta' Novembru 2006*
*li kellu jfakkar kompożituri magħrufin*
*għal innijiet tal-Milied.*
*Carlo Diacono qiegħed ikun imfakkar*
*bil-kompożizzjoni tiegħu.*
*Notte di Natale (pastorale)8*



*Il-kxif tal-bust ta' Carlo Diacono*
*fuq il-faċċata tad-dar fejn trabba*
*f'Misraħ San Girgor nhar*
*id-19 ta' Novembru 1967*



*Carlo u ħuh Dittu*
*mal-ġenituri tagħhom*



*Carlo Diacono*

Taljan tal-opri, Pietro Mascagni kien qali li "*Diacono stess ma jafx kemm jipposjedi talent mużikali*". Kumment ieħor sar mill-Maestro di Cappella Sistina tal-Vatikan, Mons. Lorenzo Perosi: "*Il-mużika ta' Diacono tant hija sabiħa li sserraħni fin-niket tiegħi*".

**Noti u Referenzi**:

[1] Fl-1943 Orazio Diacono għaqqad orkestra Żejtunija li minnha tmintax-il sena wara ffurmat il-Banda Beland.

[2] Frankie 'l quddiem kellu jkun il-*Maestro di Cappella* minflok missieru Carlo. Maria saret pjanista magħrufa u Orazio perit.

[3] Lil din il-banda Kospikwana kien isejħilha ta' Pawlino Vassallo peress li darba kien jidderiġiha huwa. Fost opri mużikali oħra, lill-Banda Kospikwana ħallielha *A Maria Immacola*ta.

[4] F'dak iż-żmien tista' tgħid li tas-Surmastrijiet Bugeja u Nani kienu *cappelli* li jissuperaw kull tentattiv.

[5] Mill-kant ta' arja grandjuża li nsibu fl-opri, issa kellha tgħaddi għal kant mingħajr akkumpanjament mużikali, l-anqas id-daqq tal-orgni. Fi kliem ieħor stil tal-Palestrina.

[6] Fl-1912 Paolino Vassallo kien maħtur bħala *Maestro di Cappella* tal-Katidral tal-Imdina u tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann.

[7] Ma' wliedu dejjem insista li wara mewtu lill-Monsinjuri ma jħalluhomx jidfnuh fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann imma f'San Girgor, ġewwa raħal twelidu.

[8] It-tliet kompożituri l-oħra li tfakkru f'dan is-sett ta' bolol huma Paolino Vassallo bil-kompożizzjoni tiegħu *Inno Per Natale* (*Jesu Redemptor*), Wolfgang Amadeus Mozart bil-kompożizzjoni *Alma dei Creatoris* u wkoll Paolo Nani bil-kompożizzjoni tiegħu *Maltese Christmas*.

**Letteratura**:


Schiavone Michael J.(ed.), Dictionary of Maltese Biographies, Vol.1, Malta, 2008, p.718?

Camilleri Alfred, "Il-Mużika Sagra li tindaqq fil-Festi Titular ta' Marija Bambina fl-Isla u l-Kompożituri Tagħha" (It-Tieni Parti), Festa Marija Bambina, Senglea, 2011, pp.3-13.

Mercieca, Dr. Simon," L-Ave Maris Stella ta' Carlo Diacono fil-Kuntest tal-Mużika ta' Żmienu", Programm tal-Festa Marija Immakulata, Bormla, 2011, pp. 37-51.

Aquilina, Sunny," Oratorio – San Paolo Evangelizza i Maltesi", Programm tal-Festa Marija Immakulata, Bormla, 2009, pp.60-63.

Debono. Charles, "Cappella Diacono", Programm tal-Festa Marija Immakulata, Bormla, 2016, pp.84-85.

"Insellmu lill-Mużiċista Frankie Diacono" Leħen il-Banda San Ġorġ, Bormla, Festa tal-Immakulata Kunċizzjoni 2000, p.161

Galea, Dun Ġwann, "Il-Quddiesa In Mi b Maggiore ta' Carlo Diacono", Bormla – Leħen il-Belt tal-Immakulata, Festa 2002, pp.20-21.

Bonello, Kan. Prep. Joseph, "Il-Mużiċista Karlu Diacono u Bormla f'għeluq il-50 sena mill-mewt tiegħu", Bormla – Leħen il-Belt tal-Immakulata, Festa 1992, pp.7-8.


Il-Ħamis, 17 ta' Awwissu 2017